# Festa Melħ 2025

## Ċelebrazzjoni ta' suċċess fir-Riżerva Naturali tas-Salina

Festa Melħ 2025 kienet suċċess, li attirat attendenza qawwija lejn ir-Riżerva Naturali tas-Salina. Festa Melħ kienet mifruxa fuq jumejn, fis-26 u fis-27 ta' Lulju, li matulhom iċċelebrajna n-natura, il-kultura u l-istorja ta' dan il-post uniku fil-gżejjer Maltin.

Il-qofol ta' Festa Melħ, kienu t-tours bi gwida tas-salini tal-melħ, segwiti minn żjarat fil-Mużew tal-Melħ tas-Salina. Għal dawn iż-żewġ attivitajiet, in-nies attendew bi ħġarhom u minħabba d-domanda kbira għalihom, kellna saħansitra nżidu xi tours aktar milli ippjanajna. Dawn it-tours speċjali tas-salini tal-melħ jistgħu jsiru biss f'dan iż-żmien tas-sena, meta ma jkunx hemm għasafar tal-passa fir-riżerva.

Il-viżitaturi kellhom ukoll l-opportunità jixtru l-melħ li jinġabar b'mod sostenibbli mis-Salina. Ħafna nies ħadu magħhom id-dar melħ lokali, li BirdLife Malta ġabret mir-riserva naturali tas-Salina b'rispett lejn in-natura. Wieħed jista' jixtri dan il-melħ mir-riserva tas-Salina li tkun miftuħa kuljum bejn it-8am u s-6pm.

Il-familji gawdew minn firxa ta' attivitajiet ambjentali interattivi u edukattivi mfassla apposta għat-tfal, fosthom workshops, logħob u sessjonijiet edukattivi li żammew lit-tfal impenjati.

Waqt Festa Melħ, BirdLife Malta nediet ukoll serje ġdida ta' kotba illuśtrati bil-Malti għat-tfal, ispirati mill-ħajja selvaġġa fir-riservi naturali li tieħu ħsieb BirdLife Malta:

- Kiljan u Selina fis-Salina
- Lozza u Martinu fis-Simar
- Manu u Ava fl-Għadira

It-tfal attendew sessjonijiet ta' qari u kienu bosta li ħadu magħhom id-dar kopja ta' dawn il-kotba edukattivi. Il-kotba se jibqgħu disponibbli għall-bejgħ

mir-Riżerva Naturali tas-Salina għall-prezz ta' €5 kull wieħed, jew it-tlieta flimkien għall-prezz speċjali ta' €12.50.

Festa Melħ offriet ukoll opportunità għal dawk li xtaqu jagħtu vuċi lin-natura, b'numru sabiħ ta' nies saru membri ġodda ta' BirdLife Malta.

Din iċ-ċelebrazzjoni tan-natura, il-kultura u l-istorja, laqgħet ukoll stands ta' artiġjani lokali u NGOs oħra li jaħdmu biex iħarsu l-ambjent naturali u l-wirt kulturali ta' Malta.

Organizzata minn BirdLife Malta, Festa Melħ 2025 uriet il-valur naturali u kulturali tas-Salina. Bl-interess dejjem jikber minn sena għal oħra, dan l-avveniment sar appuntament annwali fil-kalendarju kulturali tas-sajf f'Malta.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. https://www.transfernow.net/dl/20250730sHNdTwp5/6cdOMfPg

**Filmati:**
1. https://www.transfernow.net/dl/20250730aQaTWBKo/DBIm65PM